# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Seduta tat-30 ta' Mejju 2024**

**Numru 16**

**Rikors numru 634/13/1**

**Joseph u Irene konjugi Grech;**
**Aldo u Rodiann Sciberras;**
**Christinu u Anna Zahra;**
**Maria Concetta Zammit; u**
**b'digriet tad-19 ta' Settembru 2022 stante l-mewt ta' Joseph Grech l-atti ġew trasfużi f'isem l-eredi wliedu Dyllan Grech, Kurstan Grech u Macdess Grech**

**v.**

**Nikka Developments Company Limited (C19319) u Jason Gatt**

1. L-atturi jew l-awturi tagħhom kienu xtraw proprjetajiet f'St. Mary Street u f'Ivy Street ġewwa Ħad-Dingli, fl-2011 u irriżultalhom li parti mill-art li fuqha nbnew il-proprjetajiet rispettivi tagħhom kienet ġiet reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta u mhux f'isem il-vendituri rispettivi li mingħandhom xtraw il-proprjetajiet (ċioè s-soċjetà konvenuta, u l-konvenut Gatt li kien da parti tiegħu xtara mingħand is-soċjetà konvenuta). Kienu l-atturi Joseph (illum mejjet) u Irene Grech li ndunaw bil-problema fit-titolu wara li, fil-25 ta' Lulju 2011, kienu għamlu konvenju biex ibiegħu l-proprjetà

tagħhom lil terzi.[1] Jilmentaw li minħabba l-kwistjoni spiċċaw biex la setgħu jbiegħu l-proprjetà skont dak il-konvenju, u lanqas ma setgħu jixtru l-appartament li riedu jixtru minfloku, liema appartament kienu laħqu għamlu xi spejjeż fih. L-ilment tal-atturi l-oħra hu dwar id-difett fit-titolu tagħhom. Għalhekk permezz ta' din l-azzjoni l-atturi talbu lil din il-qorti biex:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom biegħulhom proprjetà li ma kinitx tappartjeni lilhom fl-intier tagħha;
(ii) Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni;
(iii) Tillikwida d-danni; u
(iv) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għall-ħlas tad-danni likwidati;

bl-ispejjeż kif mitluba fir-rikors ġuramentat.

2. Matul il-kors tal-kawża, preċiżament fit-3 ta' Diċembru 2014, is-soċjetà konvenuta akkwistat l-art mertu tal-kawża mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet.

3. Permezz ta' sentenza mogħtija minnha fit-3 ta' Novembru 2017 din il-qorti kienet iddikjarat (*inter alia*) li l-azzjoni kienet preskritta għall-finijiet tal-art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk kienet waqfet milli tkompli tqis it-talbiet tal-atturi.

4. L-atturi appellaw u l-Qorti tal-Appell iddeċidiet l-appell permezz ta' sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2023 b'dan il-mod:

> "Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-atturi u konsegwentement qiegħda tvarja s-sentenza appellata billi:
>
> (i) Tikkonfermaha:
> (a) fejn ġew miċħuda l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut Jason Gatt u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta (stante li tali parti tas-sentenza hija llum *res judicata*) u
> (b) fejn ġie deċiż li l-ispejjeż relattivi għal tali eċċezzjonijiet għandhom jagħmlu tajjeb għalihom kull wieħed mill-konvenuti rispettivi li ressquhom;

[1] Dok J, paġ. 29

(ii) Tħassarha fil-kumplament;

(iii) Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Jason Gatt u t-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u b'hekk tiddikjara li l-kawża MHUX preskritta fit-termini tal-Art. 2156(f) u tordna li l-ispejjeż relattivi għal tali eċċezzjonijiet għandhom jagħmlu tajjeb għalihom kull wieħed mill-konvenuti li ressquhom;

(iv) Tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti u tordna l-prosegwiment tal-kawża fir-rigward ta' dak li dwaru l-atturi ma rrinunzjawx għall-atti.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati."

5. Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-atturi kienu ċedew il-mertu ħlief, in kwantu jirrigwarda l-atturi Grech biss, it-talba tagħhom għad-danni konsegwenzjali għall-fatt li l-konvenju li kienu daħlu fih ma wassalx għall-bejgħ tal-proprjetà tagħhom. Li baqa' x'jiġi deċiż mit-talbiet hi din it-talba tal-familja Grech għad-danni, u l-kap ta' l-ispejjeż ta' kull wieħed u waħda mill-atturi.

6. Il-konvenut Gatt kien ressaq dawn id-difiżi:

1. "Illi preliminarjament in-nullita tar-rikors guramentat stante in-nuqqas tal-konkorrenza tal-elementi preskritti fl-artikolu 161(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jinghad ghaliex qieghed jigi ttentat gudizzju kolletiv pero mhux fuq dritt uniku ghal-atturi kollha.

2. Illi preliminarjament ukoll in-nullita tar-rikors guramentat stante li gie guramentat biss minn Aldo Sciberras li zgur ma jistax jikkonferma bil-guramenta li jaf personalment bil-fatti relativi ghall-atturi ohra u dan allura bi ksur tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni ghad-danni hija preskritta ai terimini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju l-azzjoni ghad-danni hija preskritta ai terimini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jezisti d-difett fit-titolu tal-proprjeta' ilmentat mill-atturi, l-konvenut biegh dak li kien xtara minghand is-socjeta' konvenuta l-ohra u ghalhekk m'hu responsabbli ghall-ebda danni;

6. Illi in oltre fil-mertu wkoll se mai kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha qabel ma xtraw il-propjeta mertu tal-kawza odjerna.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

7. Id-difiżi oriġinali tal-kumpannija konvenuta kienu dawn:

1. "ILLI fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-esponenti ma humiex f'dana l-istadju legittimi kontraditturi stante kif jirrizulta mill-presemessi l-akkwisti tar-rikorrenti ilkoll jirrisalu ghal qabel l-elf disgha mija u disgha u disghin (1999) ghaldaqstant a tenur ta' artikolu 2140 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom titolu assolut u ghalhekk kull rimedju ghandu jkun mitlub kontra min irregistra propjeta' fuq tar-rikorrenti;

2. ILLI in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jippresupponu illi l-azzjoni odjerna hija kkampata fuq allegati Danni subiti ex contractu u ghaldaqstant tali pretensjonijiet huma perenti a tenur ta' artikolu 2156.f tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ILLI subordinarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti biegh kif akkwista l-art in kwistjoni permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Tonio Spiteri datat 10 ta' Novembru 1995 u ghalhekk hija ukoll applikabbli l-prekrizzjoni akkwisittiva peress illi huwa ghaqqad il-pussess mal-predecessuri tieghu;

4. ILLI ukoll minghajr pregudizzju ghas- suespost, meta s-socjeta' esponenti kkostruiet il-propjetajieti mertu ta' din l-azzjoni hija bniet fuq il-linja medjana u ghalhekk dak mibni inbena fuq propjeta' appartenenti lilhom u ghaldaqstant ma huwiex miinu illi giet trasferita prozjoni mhux apparetenenti lill-esponenti;

5. ILLI ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti iridu jipprovaw x'tip ta' danni sofrew verament realment;

6. ILLI t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri meta jigi kjarit a bazi ta' xiex ir-rikorrenti qed jitolbu d-danni."

8. Kif rajna, l-ewwel tliet difiżi preliminari tal-konvenut Gatt u l-ewwel difiża preliminari tal-kumpannija konvenuta ġew miċħuda. Ġew miċħuda ukoll ir-raba' difiża preliminari tal-konvenut Gatt u t-tieni difiża preliminari tal-kumpannija konvenuta. Li fadal, allura, minn dawn id-difiżi huma l-ħames u s-sitt difiża tal-konvenut Gatt; u l-

ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u seba' difiża tal-kumpannija konvenuta. Hemm ukoll id-difiża miżjuda mill-kumpannija konvenuta permezz ta' risposta addizzjonali, imressqa fil-31 ta' Jannar 2024, ta' nuqqas ta' interess minn naħa tal-atturi Grech, billi dawn kienu biegħu l-proprjetà tagħhom tul il-kors ta' din il-kawża.

9. Għalkemm, formalment, l-ewwel u t-tielet difiża tal-kumpannija konvenuta għad iridu jiġu deċiżi, dawn huma, in effett, sorvolati in kwantu jolqtu l-mertu ċedut. Jibqgħu però relevanti għall-kwistjoni dwar ir-responsabbiltà tal-kumpannija konvenuta għad-danni mitluba mill-familja Grech; u in kwantu tali, ser jiġu meqjusa iżjed 'l quddiem.

10. Il-qorti sejra tqis l-ewwel id-difiża miżjuda. Billi sejra tiċħadha, sejra tgħaddi biex tqis it-talba tal-familja Grech għad-danni u, fl-aħħar, it-talba tal-atturi kollha għall-ispejjeż; u dan, naturalment, fid-dawl tad-difiżi relevanti.

11. Il-kumpannija konvenuta tgħid li billi l-konvenut Joseph (illum mejjet) u Irene Grech biegħu l-proprjetà li tagħhom fis-17 ta' Ġunju 2015,[2] allura naqas, minn dakinhar, dak l-interess li, kif inhu magħruf, irid jibqa' jeżisti tul il-kors tal-kawża kollha.

12. Il-konvenut Gatt ma ressaqx difiża ta' nuqqas ta' interess imma jgħid li din il-qorti tista' u għandha tapplikaha fl-interess tiegħu ukoll billi l-kwistjoni hi waħda ta' ordni pubbliku.

13. Mhux li tant hemm x'jingħad dwar il-punti ta' dritt li qajjmu l-konvenuti: id-dottruna u l-ġurisprudenza dwar il-ħtieġa tal-interess fil-kamp tad-dritt privat huma magħrufa sew u mhumiex kontroversjali, u ma jiżdied xejn billi jiġu ripetuti hawn. Il-kwistjoni quddiem il-qorti hi biss waħda ta' applikazzjoni tagħha, kwistjoni li mhix kumplikata. Kif jirriżulta mill-atti, l-atturi ċedew il-mertu ftit wara li l-kumpannija konvenuta kienet xtrat l-art li l-Gvern kien irreġistra, liema reġistrazzjoni kienet wasslet biex tiġi mressqa din l-azzjoni; b'riżerva għat-talba għad-danni tal-konjuġi Grech kif spjegat aktar 'l fuq u b'riżerva għall-ispejjeż. Din iċ-ċessjoni kienet għalhekk tikkostitwixxi rikonoxximent tan-nuqqas ta' interess tal-atturi minn hemm 'l quddiem fir-rigward tal-mertu (ħlief kif ingħad).

[2] Ara kopja tat-att pubbliku f'paġ. 239 - 241

14. L-interess tal-atturi li jirkupraw l-ispejjeż minkejja li, wara t-3 ta' Diċembru 2014, naqsilhom l-interess fil-mertu (dejjem ħlief kif ingħad) hu ovvju. Il-kwistjoni kollha hi hekk kellhomx raġun li, fl-2013, iressqu l-kawża u, wara, li jkompluha kif komplewha. Dan l-interess għadu jeżisti sal-lum.

15. Dwar l-interess tal-familja Grech, jingħad li d-danni li qed jitolbu huma danni konsegwenzjali għall-fatt, kif jallegawh huma, li ma setgħux ibiegħu l-proprjetà tagħhom sakemm ġiet riżolta l-kwistjoni tat-titolu tal-istess. Huma spejjeż li jgħidu li ġarrbuhom qabel ma sar l-akkwist tat-3 ta' Diċembru 2014. Jikkonsistu, fil-parti l-kbira f'interessi fuq self bankarju bejn 2011 u 2014; spejjeż legali li kellhom iħallsu lill-bank bejn l-2013 u l-2013; u spejjeż varji fl-2011 marbuta mal-bidla fir-residenza tagħhom. Il-qorti ma tifhimx l-argument li, bir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tat-titolu fl-2014, il-familja Grech tilfet l-interess li tkompli l-kawża biex tirkupra dawn l-allegati danni. Anki dan l-interess għadu jeżisti llum.

16. Il-qorti sejra tqis issa jekk it-talba għad-danni tal-familja Grech għandhiex tintlaqa', kollha jew parti minnha.

17. Qabel ma tqis jekk id-danni allegati ġewx ippruvati u jekk humiex direttament konsengwenzjali għall-allegat ksur tad-drittijiet tal-familja Grech, il-qorti trid tqis jekk il-kumpannija konvenuta tistax tistrieħ fuq l-ewwel u t-tielet difiżi tagħha.

18. Il-kumpannija konvenuta tgħid, essenzjalment, li mhix responsabbli għad-danni, jekk hemm, tal-familja Grech billi huma kellhom titolu assolut għall-proprjetà tagħhom, u billi l-kumpannija ma rrinunzjat għal ebda difiża u lanqas għamlet ebda ammissjoni meta xtrat l-art in kwistjoni mingħand il-Gvern fl-2014. Tgħid li dan għamlitu biex teħles minn problema li kienet daħlet fiha mingħajr tort, u li r-rimedju li kellha l-familja Grech kien li tieħu passi kontra l-Gvern dwar ir-reġistrazzjoni in kwistjoni.[3]

[3] Ara para. 10 – 12 tan-nota ta' osservazzjonijiet, paġ. 418; ara ukoll, għal spjegazzjoni tal-fatti kif tarahom il-kumpannija konvenuta, l-affidavit ta' Joseph Dimech, paġ. 157 – 159.

19. Kien x'kien dak li wassal lill-kumpannija konvenuta biex tidħol għall-kuntratt tat-3 ta' Diċembru 2014, jibqa' l-fatt li, b'dak il-kuntratt hi xtrat - mingħajr ebda kundizzjoni u mingħajr ebda riżerva - l-art in kwistjoni. Minkejja li l-kumpannija tgħid, f'dawn il-proċeduri (iżda mhux fl-att innifsu[4]) li dan sar mingħajr ammissjoni u mingħajr rinunzja għal ebda difiża, la darba l-kumpannija konvenuta ddeċidiet li ssolvi l-problema bl-akkwist tal-art, isegwi li, fil-fatt jekk mhux fil-forma, hi ma baqgħetx tinsisti fuq id-difiża li t-titolu tal-familja Grech kien wieħed assolut. Il-kumpannija issa trid toqgħod għall-konsegwenzi kollha ta' dik id-deċiżjoni. Ma tistax tagħżel liema konsegwenzi tagħmel tajjeb għalihom, u liema le. It-triq għażlitha, u trid tibqa' fiha.

20. Ngħaddu issa għall-provi dwar id-danni li jingħad li sofriet il-familja Grech. Hemm riassunt ta' dak li qed tippretendi l-familja Grech issa, fl-aħħar komputazzjoni tagħhom fin-nota tat-18 ta' Lulju 2017.[5]

21. Nibdew bl-ispejjeż legali fl-ammont ta' €5,774.75. Dawn ma kellhomx jintalbu. Dan għaliex, kif xehdet Graziella Perrone, rappreżentant tal-bank imressqa mill-atturi, l-ispejjeż legali kienu marbuta mal-passi li ħa l-bank talli l-konjuġi Grech ma kienux qed josservaw il-kundizzjonijiet tas-self li kienu ħadu mingħand il-bank.[6] Ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni f'din il-kawża.

22. Ngħaddu għall-interessi, fl-ammont ta' €15,732.23. Dawn huma l-interessi li tħallsu mill-konjuġi Grech għall-perjodu bejn il-25 ta' Lulju 2011 u l-1 ta' Diċembru 2014,[7] li jgħidu li hu l-perjodu li matulu huma ma setgħux ibiegħu l-proprjetà tagħhom minħabba fil-problema fit-titolu. Jgħidu li kieku biegħu l-proprjetà fl-2011, kif kien ippjanat, kienu ser iħallsu lura s-self kollu li kellhom mal-bank u, b'hekk, ma kienux iħallsu l-interessi li ġew kostretti li jħallsu sakemm il-problema fit-titolu ġiet megħluba bil-kuntratt tat-3 ta' Diċembru 2014.[8]

---

[4] Ara kopja tal-kuntratt, paġ. 179 – 182

[5] Paġ. 253 – 265, para. 54 – 74. Il-komputazzjoni fil-bidu tal-kawża kienet ferm iżjed baxxa.

[6] Paġ. 135 - 142

[7] Dok GP1, paġ. 140. Jekk il-membri tal-familja Grech għandhom raġun jitolbu dawn id-danni, il-komputazzjoni misshom bdewha fis-26 ta' Settembru 2011, meta kellu jsir il-kuntratt finali, u mhux fil-25 ta' Lulju 2011, id-data tal-konvenju.

[8] Din il-pożizzjoni ma tinkwadrax sew ma dak li xehed Joseph Grech fit-8 ta' Mejju 2015 (paġ. 138 – 139). Hu qal li l-proprjetà li kien ser jixtru hu u Irene Grech fl-Imġarr fl-2011 kienet tiswa Lm65,000 jew ċirka €151,000. Il-proprjetà li kellhom kienu ser ibiegħuha għal madwar €158,000. Kif, allura, kienu ser iħallsu lill-bank u jeħilsu mill-interessi mhux ċar.

23. Il-kumpannija konvenuta tressaq diversi raġunijiet għaliex m'għandhiex tagħmel tajjeb għal dawn l-interessi.

24. Tgħid fl-ewwel lok li billi d-deċiżjoni li tinbiegħ id-dar ħadha Joseph Grech, kif qal hu stess, minħabba fl-istat ta' saħħtu, u mhux minħabba pressjoni tal-bank, allura ma jistax jippretendi danni. L-argument, li mhux artikolat sew, preżumibbilment hu li ħadd ma jista' jippretendi danni li jirriżultaw mill-għażliet li jkun għamel hu stess. Dan l-argument għandu mill-fieragħ. Id-danni li qed titlob il-familja mhumiex konsegwenza tad-deċiżjoni li ħa s-sur Grech, kienet x'kienet ir-raġuni, imma (jekk għandha raġun) huma konsegwenza tal-fatt li dik id-deċiżjoni ma setgħetx tiġi attwata għal raġuni attribwibbli lill-kumpannija konvenuta.

25. Il-kumpannija konvenuta tgħid ukoll li l-familja Grech ma ppruvawx li l-konvenju li kienu daħlu fih biex ibiegħu d-dar tagħhom sfratta b'konsegwenza tal-kwistjoni dwar it-titolu. Għalkemm hu minnu li l-provi f'dan ir-rigward setgħu ġew imsaħħa, il-qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita x-xhieda ta' Joseph Grech f'dan ir-rigward għaliex dak li qal hu verosimili ħafna meta jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi l-oħra inkontestati, partikolarment ir-reġistrazzjoni favur il-Gvern. Wara kollox, l-atturi Grech kellhom bżonn jippruvaw li dak li allegaw probabbilment seħħ. Il-prova sa' dan il-grad tressqet. Barra minn hekk, il-konvenuti ma għamlu l-ebda attentat biex ixejjnu din il-prova, lanqas b'suġġeriment lis-sur Grech fil-kontroeżami li dak li xehed ma kienx veritier. Għalhekk dan l-argument ma jgħoddx.

26. Il-kumpannija konvenuta tgħaddi biex tgħid li anki jekk wieħed kellu jaċċetta, għall-argument, dak li jgħid is-sur Grech dwar l-isfratt tal-konvenju, jibqa' l-fatt li l-proprjetà inbiegħet bil-prezz ta' €180,000, jiġifieri madwar €21,600 iktar milli kienet ser tinbiegħ fl-2011. Għalhekk il-kumpannija konvenuta ssostni li din iż-żieda fil-prezz li ġabet tal-proprjetà għandha titqies li tagħmel tajjeb għad-danni li setgħet sofriet il-familja Grech.[9]

27. Dan l-argument hu siewi. Jekk għandhom raġun il-membri tal-familja Grech[10] li l-kumpannija konvenuta trid tagħmel tajjeb għall-interessi żejda li (jgħidu li) kellhom jitħallsu għaliex il-proprjetà ma setgħetx tinbiegħ bejn 2011 u 2014 jew, fi kliem ieħor,

---

[9] Ara para. 23 tan-nota f'paġ., 411 – 421
[10] Ara *footnote* 8.

għall-konsegwenzi tad-dewmien li sofrew biex sar il-bejgħ, bl-istess mod iridu jdaħħlu fil-miżien il-benefiċċju li ħadu bħala konsegwenza tal-istess dewmien. F'dan il-każ, il-benefiċċju mhux wieħed ipotetiku, jew stmat, fuq il-valur tas-suq tal-proprjetà. Hu wieħed realiżżat.

28. Kif rajna, kieku l-proprjetà nbiegħet fl-2011, il-familja kienet iddaħħal ċirka €158,400. Għaliex ma setgħetx tbiegħha qabel l-aħħar tal-2014, tgħid li kellha tħallas iktar interessi, fl-ammont ta' €15,732.23. Jekk dan hu minnu, irid jitqies, kontra tiegħu, li meta nbiegħet il-proprjetà, il-familja daħħlet mal-€21,600 iktar milli kienet iddaħħal fl-2011. Dan ukoll kien riżultat tad-dewmien, iżda f'dan il-każ id-dewmien ġab benefiċċju għall-familja Grech. B'dan il-benefiċċju, l-interessi ġew iktar milli rkuprati; u allura ma seħħ ebda telf.

29. Dan ir-raġunament ma jgħoddx għad-danni li l-atturi Grech jgħidu li sofrew b'rabta mal-proprjetà li l-konjuġi Grech kien ser jixtru fl-Imġarr, u li kienu daħlu fiha meta kienu għadhom fuq konvenju.[11] Id-danni mitluba jammontaw għal €1,295.20.[12] Dawn ma kienux spejjeż li l-konjuġi Grech daħlu għalihom b'riżutat tad-dewmien biex tissolva l-problema fit-titolu, imma kienu spejjeż li daħlu għalihom biex daħlu fil-proprjetà fl-Imġarr. Tilfuhom meta ma setgħux jixtru dik il-proprjetà. Il-problema għall-familja Grech hu li ma kienux jagħmlu t-telf li kieku stennew sakemm akkwistaw il-proprjetà tal-Imġarr, li jfisser li t-telf seta' ġie evitat. Għalhekk anki dawn id-danni ma hemmx lok li tagħmel tajjeb għalihom il-kumpannija konvenuta.

30. L-ispejjeż biex il-perit għamel rapport dwar il-problema fit-titolu ukoll mhumiex marbuta mad-dewmien. Intefqu biex jsiru l-verifiki biex tkun tista' il-prova f'dan il-każ. Għalhekk, il-qorti tara li dawn huma danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom il-kumpannija konvenuta.

31. L-ispejjeż legali[13] jistgħu jiġu rkuprati biss jekk jistgħu jitqiesu fil-kuntest tat-taxxa għal din il-kawża.

---

[11] Xhieda ta' Joseph Grech, 8 ta' Mejju 2015 (paġ. 138)

[12] Ara para. 74 tan-nota tal-atturi, f'paġ. 264, *items* 3 (Emanuel Grech), 4 (gas pipe), 5 (fittings) u 6 (trasport).

[13] Ara para. 74 tan-nota tal-atturi, f'paġ. 264, *items* 7- 10.

32. Fl-aħħar, dwar l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, il-qorti tqis li, għar-raġunijiet mogħtija f'para. 19 iktar 'l fuq u għaliex ma nġiebet ebda prova li l-kumpannija konvenuta ppruvat tieħu passi biex tiġi evitata din il-kawża,[14] dawn għandhom (ħlief kif ġja deċiżi mill-Qorti tal-Appell) jitħallsu mill-kumpannija konvenuta.

Għalhekk il-qorti:

i. Tilqa' l-ewwel talba ta' Irene, Dyllan, Kurstan u Macdess Grech biss, u dan limitatament għall-finijiet tat-talbiet li jsegwu;
ii. Tikkikjara lill-kumpannija konvenuta responsabbli għad-danni li sofrew l-imsemmija membri tal-familja Grech;
iii. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' €849.60; u
iv. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas is-somma ta' €849.60 lill-imsemmija membri tal-familja Grech.

Bl-ispejjeż (apparti dawk ġja deċiżi mill-Qorti tal-Appell) kontra l-kumpannija konvenuta.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[14] Ingħad tul il-kors tal-kawża li l-kumpannija kienet ilha sa minn snin qabel l-2013 tipprova ssolvi l-problema dwar it-titolu. Imma anki jekk jidher li dan hu minnu, ma jidhirx li ntqal xejn minn dan lill-atturi, lanqas wara li bagħtu ittri uffiċjali qabel ma nbdiet din il-kawża.